


# IL-FENIĊI (1)

Il-Feniċi kienu fergħa mir-razza semitika li rnexxielhom jokkupaw dik il-parti dejqa tal-kosta fejn illum hemm il-Libanu u s-Sirja sa minn madwar is-sena 1200 qabel Kristu. Il-lingwa tagħhom kienet forma ta' djalett nord-semitiku u kienu rimja mill-ġens ta' Kangħan. Il-Fenici kienu gwappi kemm fil-kummerċ kif ukoll bħala baħħara.

**Kult reliġjuż**

It-twemmin reliġjuż tal-Feniċi kien bażikament dak tal-Kangħanin u l-allat li kellhom sew fi żmienhom kif ukoll fi żmien Puniku kienu ta' oriġini Kangħanija.

L-allat prinċipali li kellhom kienu:

**Ba'al** (alla suprem) marbut oriġinarjament mal-ħajja tal-pjanti li nsibu fil-kitba Kangħanija (Ugarit). Dan l-isem ta' Ba'al ifisser "mulej". Dan alla kellu bosta ismijiet u l-aktar komuni kienu Ba'al Xamin (il-mulej tas-smewwiet), Ba'al Addir (il-mulej qawwi) u Ba'al Ħammon (il-mulej tal-altari li fuqhom jinħaraq l-inċens jew il-mulej tal-ħġejjeġ). F'Malta għandna evidenza tal-kult għal Ba'al Ħammon (imma dak fl-aspett solari) misjuba f'kitba fuq żewġ ċippi żgħar tas-sitt seklu qabel Kristu u li nstabu fir-Rabat, Malta fis-sena 1820. Wieħed minn dawn iċ-ċippi jinsab fil-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta u l-ieħor għal kemm huwa dokumentat, jinsab mitluf.

**Axtarte** magħrufa fil-Punent bħala Tanit. Kienet meqjuma bħala l-kbira alla omm u kienet is-sieħba ta' Ba'al. F'Malta Axtarte (li għall-Griegi kienet Hera u għar-Rumani Ġuno) kellha tempju dedikat lilha. Dan it-tempju, imsemmi mill-oratur Ruman Ċiċerun u l-ġeografu Ptolemju, kien identifikat bħala dak li nstab Tas-Silġ (Marsaxlokk). F'Għawdex instabet kitba fuq ġebla żgħira (14 x 16cm) li turi li kien jeżisti tempju dedikat lil din alla Axtarte. Din l-iskrizzjoni tinsab fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija, fiċ-Ċittadella.

**Exmun** (alla tal-fejqan) identifikat mill-Griegi u mir-Rumani bħala Aesculapus.

**Melkart** (re tal-belt), dak li għall-Griegi u għar-Rumani kien magħruf bl-isem ta' Erkole. L-isem ta' Melkart jinsab imniżżel f'kitba b'żewġ lingwi (Puniku u Grieg) li ġiet minquxa fuq bażi ta' żewġ kandilabri. Wieħed minn dawn iċ-ċippi jinsab il-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Belt u l-ieħor kien ġie mogħti mill-Gran Mastru De Rohan lir-Re Lwiġi



Bastiment tat-Tagħbija tal-Feniċi

XVI ta' Franza fl-1780, u llum jinsab għal wiri fil-mużew famuż tal-Louvre ġewwa Pariġi, fi Franza.

**Ħadad** (alla tal-gwerra), dak li għal Griegi kien Ares u għar-Rumani Martius.

**Is-sagrifiċċju tal-*Molk***

Il-kelma *molk* tfisser "il-ħruq totali ta' offerta"; f'dan il-każ l-offerta kienet tarbija. Dan is-sagrifiċċju kien marbut mal-kult ta' alla Ba'al Ħammon. Ir-ritwal kien isir f'post speċjali msejjaħ it-*tofet* li tfisser "il-post tal-ħruq" (jiġifieri fejn il-vittmi tas-sagrifiċċju kienu jiġu mgħoddija minn ġon-nar). Dan il-post kien jikkonsisti f'biċċa art imdawwra bil-ħitan li fihom kien ikun hemm niċeċ żgħar mimlija bl-urni bil-fdalijiet maħruqa tas-sagrifiċċji. Ma' l-urni kienu jitqegħdu ċippi jew twavel żgħar tal-ġebel minquxa li juru li dawk kienu t-tifkiriet tas-sagrifiċċji li kienu saru. L-eżistenza ta' *tofet* f'Malta hija ppruvata bis-sejba ta' kitba li nstabet fl-1820 fir-Rabat, Malta, li turi li ċertu Naħum iddedika s-sagrifiċċju tal-*molk* lil alla Ba'al Ħammon għax it-talba tiegħu ġiet mismugħa.

Naturalment is-sagrifiċċju ta' tarbija kien meqjus bħala vittma prezzjuża ħafna aktar minn kull ħaġa oħra, speċjalment f'xi talba speċjali. Imma aktar tard il-vittma umana kienet bdiet tinbidel ma' ħaruf, fil-fatt kien beda jissejjaħ *molk omor* (*omor* tfisser ħaruf)

F'Malta dan it-tip ta' sagrifiċċju huwa dokumentat ukoll għax fir-Rabat, Malta nstabet kitba li turi li ċertu Arix iddedika s-sagrifiċċju tal-*molk omor* lil alla Ba'al Ħammon talli sema' talbu.

*(Ikompli fil-ħarġa li jmiss.)*

*Kitba Punika (2 seklu Q.K. ) li tfakkar il-bini u r-restawr ta' diversi mqades lill-allat Puniċi fosthom lill-allat Sadambaal u Axtarte.*



